Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn
Anna Xuereb
U
Malta Federation of Industry
dwar rizenja allegatament
minhabba diskriminazzjoni

Decizjoni 1609

Kaz Nru 2215

Illum, 03 ta' Frar, 2006

Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI

Illi permezz ta' ittra datata 6 ta' Settembru 2004 l-appellanti talbet li l-kaz taghha jigi trattat minn dan it-Tribunal.

DIKJARAZZJONI

Illi l-appellanti nformat lis-socjeta intimata b'ittra datata 29 ta' Marzu 2004 li kienet ser tittermina l-impjieg taghha b'effett immedjat mill-31 ta' Marzu 2004. Kienet irrizenjat minhabba l-attitudni tal-ufficjali tal-Federazzjoni. Inoltre kien dovut lilha ammont ta' flus bhala pagament ta' overtime.

Da parti taghha, il-Federazzjoni eccipiet fl-ewwel lok, il-prezentata tat-talba f'data oltre dak permess bil-ligi. Fit-tieni

lok il-kaz taghha ma kienx jinkwadra ruhu f'termini ta' diskriminazzjoni kif deskritt mill-istess ligi.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appellanti sottomettiet li t-terminu permess mill-ligi ghal prezentata tal-lament ma kienx wiehed ta' dekadenza. It-Tribunal ma jistax jissottoskrivi ma' din it-tezi mressqa mill-appellanti. It-terminu iffissat mill-ligi mhux soggett ghal xi interruzzjoni u / jew sospensjoni. Huma termini li jiddekorri wkoll kontra l-istess volonta` tal-partijiet.

Gurisprudenza nostrali dejjem sostniet din l-interpretazzjoni. U hekk ghandu jkun! Relazzjoni industrijali trid tigi puntwalizzata, u f'kaz ta' konflitt, ghandha tigi rivolta lit-Tribunal f'termini precizi. Mhux volte dan it-termini jghaddu, it-talba ma tkunx sostenibbli.

F'tali cirkostanzi, t-Tribunal ma jkunx jista' jipprosegwixxi bit-talba originali. F'termini ta' dekadenza bhal odjerna ma jidhlux kwistjonijiet ta' gustizzja u / jew ta' ekwita`. Lanqas ma hija kwistjoni ta' regolamentazzjoni da parti tat-Tribunal a diskrezzjoni unikament tieghu. Materji simili huma materji ta' ordni pubbliku li huma fissi u inalterabbli. Hekk lil din l-eccezzjoni titqajjem trid tigi deciza immedjatament.

Una volta li l-ewwel eccezzjoni qed tigi milqugha, ikun inutili li tigi nvestigata it-tieni eccezzjoni.

KONKLUZZJONI

Illi t-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni u jiddikjara li t-talba giet mressqa tardivament.

Drittijiet taxxabbli jammontaw ghal Lm15.

**Chairman**